

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2098 tat-13 ta' Novembru 2015 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2015, L 303, p. 35).

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Ir-Repubblika tal-Litwanja hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 118, 4.4.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Ottubru 2018 – FN et vs CEPOL

(Kawża T-334/16 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Trasferiment tas-sede taċ-CEPOL minn Bramshill (ir-Renju Unit) għal Budapest (l-Ungerija) — Assenjazzjoni mill-ġdid tal-persunal — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà tar-rikors quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku”)

(2019/C 4/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: FN, FP u FQ (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Appellata: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (rappreżentanti: inizjalment F. Bánfi u R. Woldhuis, sussegwentement R. Woldhuis u D. Schroeder, aġenti, assiti minn B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (it-Tielet Awla) tal-11 ta' April 2016, FN et vs CEPOL (F-41/15 DISS II, EU:F:2016:70), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- 1) *Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (it-Tielet Awla) tal-11 ta' April 2016, FN et vs CEPOL (F-41/15 DISS II), hija annullata sa fejn din ma ddikjaratx inammissibbli t-talbiet għal annullament ippreżentati minn FN, FP u FQ.*
- 2) *It-talbiet għal annullament ippreżentati minn FN, FP u FQ quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-41/15 DISS II huma miċħuda.*

- 3) Il-kumplament tal-appell huwa miċħud.
- 4) FN, FP u FQ, minn naħa, u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), min-naħa l-oħra, għandhom ibatu, kull wieħed minnhom, l-ispejjeż tagħhom stess relatati mal-proċedura ta' appell u mal-proċedura tal-ewwel istanza.

⁽¹⁾ ĠU C 305, 22.8.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Ottubru 2018 – Pirelli Tyre vs EUIPO – Yokohama Rubber (Rappreżentazzjoni ta' kanal fil-forma ta' "L")

(Kawża T-447/16) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta kanal fil-forma ta' 'L' — Raġuni assoluta għal rifjut — Sinjal ikkostitwit esklużivament mill-forma ta' merkanzija neċessarja sabiex jinkiseb riżultat tekniku — Il-punt (ii) tal-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Il-punt (ii) tal-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar il-punt (ii) tal-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament 2017/1001) — Regolament (UE) 2015/2424 — Applikazzjoni tal-liġi ratione temporis — Forma tal-prodott — Natura tas-sinjal — Teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi utli għall-identifikazzjoni tal-karatteristiċi essenzjali tas-sinjal — Interess ġenerali li huwa l-bażi tal-punt (ii) tal-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament Nru 40/94”)

(2019/C 4/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Pirelli Tyre SpA (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: T. M. Müller u F. Togo, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Ivanauskas, aġent)

Parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjent quddiem il-Qorti Ġenerali: The Yokohama Rubber Co. Ltd (Tokjo, il-Ġappun) (rappreżentanti: F. Boscariol de Roberto, D. Martucci u I. Gatto, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' April 2016 (Każ R 2583/2014-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Yokohama Rubber u Pirelli Tyre.

Dispożittiv

- 1) Il-punti 2 u 3 tad-dispożittiv tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-28 ta' April 2016 (Każ R 2583/2014-5) huma annullati.
- 2) L-EUIPO għandu jbat, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk esposti minn Pirelli Tyre SpA.
- 3) The Yokohama Rubber Co. Ltd għandha tbat l-ispejjeż tagħha stess.

⁽¹⁾ ĠU C 350, 26.9.2016.